# Kumitat Amministrattiv SWATAR
## Kunsilli Lokali Birkirkara u L-Imsida

Swatar Administrative Committee – Birkirkara and L-Imsida Local Councils

**Minuti**

## Seduta Nru. 42/2013

Data: It-Tlieta, 8 t' Ottubru 2013

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

---

Preżenti:
Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*
Rudolph Cini – *Membru*
Catherine Mangion – *Membru*
John Mary Zahra (Jimmy) – *Viċi Chairperson*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*
Marita Portelli – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: Margaret Baldacchino Cefai – *Sindku L-Imsida*

❖ Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

---

**AĠENDA**

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Reżenja tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat;
6. Attivitajiet
7. Siti Perikolużi
8. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat;
9. Komunikazzjoni miċ-Chairperson;
10. Għeluq u Aġġornament.

## Kontenut

Annex A Minuti 42/2013

Annex A

Minuti 42/2013

# 1. Talba

1.1 Il-laqgħa bdiet fis-5:45pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

# 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-Minuti tas-Seduta 41/2013 kienu tqassmu qabel, ittieħdu bħala moqrija. Il-korrezzjoniet kienu dawn:
5.1: L-Attivita kienet ser tkun wahda Kulturali u mhux Xmas Market.
6.2. Il-kliem Marzu-Settembru jridu jigu Settembru-Marzu.
Il-Minuti ġew approvati mill-Kumitat.

# 3. Punti Mqajma mill-Minuti

*Traffic Management*

3.1 **Fuq Punt 3.1 –** Iċ-*Chairperson* qalet li għandha ssir laqgħa mas-Sindku ta' Birkirkara minħabba li l-Kunsill ta' Birkirkara jrid japplika biex isir il-ħruġ fuq Triq Dun Karm Psaila. Waqt din il-laqgħa sar qbil li għandhom jitqajmu punti oħra li hemm pendenti ma' dan il-Kunsill.

3.2 **Fuq Punt 6.2 –** Issemmiet il-problema tal-Knis fis-Swatar fuq in-naħa ta' Birkirkara. Din il-materja għandha tkun diskussa fil-laqgħa li ser issir.

*Dwal tat-Toroq Ġodda*

3.3 Applikazzjonijiet tad-Dwal tat-Toroq – Kien hemm applikazzjonijiet li kienu pendenti ma l-Enemalta minn żmien is-Segretarju Eżekuttiv Dimech. Is-Segretarju l-ġdida għandha tiċċekja fuq l-applikazzjoni ta' Triq il-Gostra. Is-Segretarju ser tagħmel applikazzjoni ġdida fuq Triq il-Gostra jekk il-preċedenti ma tinstabx u ser tfakkar lill-Kunsill ta' Birkirkara fuq l-applikazzjoni għal Triq Paul Borg Olivier.

# 4. Korrispondenza

4.1 Ma kienx hemm ebda korrispondenza x'titressaq quddiem il-Kumitat.

# 5. Reżenja tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat

*Segretarju Eżekuttiv ġdida*

5.1 Iċ-*Chairperson* flimkien mal-Kumitat irringrazzja lill-Aġent Segretarju tal-ħidma tiegħu u s-Sur Galea wkoll irringrazzja lill-membri tal-Kumitat ta' l-oppurtunita' li ingħata biex jitgħallem aktar fuq ix-xogħol li jsir, u l-problemi li jiltaqgħu magħhom il-Kunsilli. Is-Segretarju Eżekuttiv l-ġdida ġiet milqugħa fil-Kumitat.

# 6. Attivitajjiet

6.1 Attivita tat-2 ta' Novembru: Ser ikun hemm attivita' Kulturali tal-Kunsill ta' Birkirkara fejn il-KAS ser ikollhom stand ta' 'Crafts'. Din l-istand ser ikun fiż-żona ta' ħdejn il-ħanut KLIKK. Ser ikun hemm persuna jisimha Helen li ser tieħu ħsieb iġġib xi Crafts. Iċ-Chairperson appellat li jkun hemm attendenza mill-membri tal-Kumitat, dan anke peress li hi ser tkun imsiefra meta ser issir din l-attivita' u talbet lill-Viċi Chairperson, Jimmy Magro, biex jieħu ħsieb l-attivita' fin-nuqqas tagħha. *Attivita' Kulturali – B'Kara – Crafts tal-KAS*

6.2 Kumitat ta' l-Attivitajjiet ta' Mater Dei: Dan il-Kumitat ser ikun qed jorganizza dawra bill-Muturi ma Malta u Għawdex b'risq il-Malta Community Chest Fund. Iċ-Chairperson xtaqet li l-KAS jieħdu sehem f'din l-attivita'. Il-Kumitat ma kellu l-ebda oġġezzjoni li din id-dawra bil-muturi jitilqu mis-Swatar pero' iħoss li din hija attivita' tal-Kumitat ta' Mater Dei u mhux tal-KAS. *Kumitat ta' Attivitajjiet Mater Dei – Dawra bil-Muturi*

6.3 Is-Sna Spiteri issuġġeriet li l-KAS jieħdu sehem fil-President's Walk li ssir fil-5 ta' Diċembru u ntqal li din tista ssir bil-koperazzjoni taż-ŻAK u bil-kollaborazzjoni tal-HSBC (minħabba li nofs il-flus li nġabru mill-Car Wash kellhom jiġu nvestiti fil-kommunita' tas-Swatar). *President's Fun Run*

6.4 BLS (Basic Life Support) – Iċ-Chairperson tixtieq li l-KAS jippromovi dawn il-korsijiet biex jiġu nklużi fil-kurrikulu nazzjonali. *BLS*

## 7. Siti Perikolużi

7.1 Hemm bżonn ta' mera quddiem il-ħanut X-Zone. Il-Kunsill ta' Birkirkara qalu li ordnaw din il-mera. *Mera ħdejn l-X Zone*

7.2 Is-Sna Spiteri semmiet li hemm arblu ħdejn ir-romp around li (jista' jkun kien tad-dawl) li llum m'hemm xejn imqabbad miegħu. Is-Segretarju kkonfermat li diġa kienet talbet lil Joe Demarco biex jiċċekja u jipprovdi r-ritratti. *Arblu – Romp Around*

7.3 Is-Sur Cini u Is-Sna Mangion ħarġu mill-laqgħa fis-19:11.

7.4 Is-Sna Spiteri semmiet ukoll li hemm tabella tat-toroq, li turi d-direzzjoni għas-Swatar u għal-Birkirkara li qegħda mgħawġa u li ż-żebgħa tagħha m'għadux ċar. *Tabella - TM*

7.5 Saret talba mis-Sna Spiteri biex isir Sleeping Police ħdejn it-traffic island ta' Triq is-Swatar. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha titkellem mas-Sur Brincat fuq dan is-suġġeriment. *Sleeping Police Triq is-Swatar*

## 8. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat

8.1 Il-Kumitat qabel li hemm bżonn isiru 'bins' għal ħmieġ tal-Klieb u tabelli fil-lokalita' tas-Swatar. Il-membri tal-Kumitat ġew mgħarfa li l-Kunsill ta' L-Imsida għandu pjan li jipprintja stickers ġodda. *Ħmieġ tal-Klieb*

8.2 Inġibed l-attenzjoni li jrid jiżdied il-ħadid ta' ħdejn ir-Romp Around.

8.3 Saret diskussjoni fuq il-Festun fejn ġie spjegat li l-Kunsill ta' L-Imsida ser jallokaw €400 għal Festun ġdid. Il-Kunsill ta' L-Imsida jixtieq li l-bozzoz jiġu provduti mill-Kunsill ta' Birkirkara. Hemm bżonn li issa l-KAS jara min ħa jwaħħal il-Festun. *Festun*

8.4 Xi membri tal-kumitat urew ix-xewqa li jkunu informati meta l-Kunsill ta' L-Imsida jew ta' Birkirkara jkunu taw xi permess ta' xi xogħol jew biex jingħalqu xi toroq fis-Swatar. Semmew ukoll li meta nbniet kamra temporanja meta kienu qed isiru x-xogħolijiet *Notifka dwar permessi fis-Swatar*

Triq il-Wied (Flood Relief) il-KAS ma kienx informat.

8.5 Iċ-*Chairperson* informat lil-KAS li ser issir laqgħa fil-15 ta' Ottubru mal-Kappillan tas-Swatar, Dun Karm u ma Fr Robert Mallia fis-7pm fil-paroċċa tas-Swatar. Il-Kappillan jixtieq jiltaqa mal-KAS u jiddiskuti problema li għandu fuq Dar il-Kappillan. *Laqgħa mal-Kappillan*

8.6 Issemmiet il-problemi li qed ikun hemm fuq parkeġġ u materji oħra mas-St Martin's College. Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-kumitat li l-Kunsill ta' L-Imsida diġa għamel kuntatt ma' l-iskola biex issir laqgħa. Iċ-*Chairperson* qalet li tixtieq tkun preżenti waqt din laqgħa. *St Martin's College*

8.7 Sar qbil li l-KAS jerġa jorganizza ġurnata ta' Blood Donation fil-lokalita' tas-Swatar u ssemma li dan jista jsir waqt il-Christmas Market. Is-sena l-oħra kien hemm 45 persun li taw id-demm. Issemmew xi tip ta' 'health checks' li jistgħu jingħataw lill-pubbliku bħal per eżempju jiġi ċċekjat iz-zokkor, il-pressjoni, l-BMI u forsi anke jkun hemm nutritionist. *Health Checks*

8.8 Il-KAS qabel li għandha ssir tabella kif wieħed jidħol is-Swatar mill-Imsida (faċċata ta' l-HSBC) u sar qbil li tista ssir meeting ma' l-HSBC biex din it-tabella ssir bil-flus li kien baqa mill-Car Wash. Ġie issuġġerit ukoll li forsi l-ispejjeż ikunu jistgħu jinqasmu bejn l-HSBC, it-Tower Business Centre u anke l-APS. Sar qbil li jiġu nkorporati l-logos ta' dawk li jisponsorjaw din it-tabella. *Tabella – Swatar*

8.9 Il-KAS unanimament approva li l-laqgħa tibda ssir dejjem fil-Kunsill ta' L-Imsida. Għandha ssir talba bil-miktub lill-Kunsill ta' Birkirkara. *Laqgħat tal-KAS*

8.10 Iċ-*Chairperson* talbet li ssir laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi minħabba r-rottot ta' l-Arriva. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lil KAS li l-Kunsill ta' L-Imsida kien mistieden jattendi laqgħa mal-Ministru fejn ingħataw informazzjoni dwar rottot u dan ikkonferma li r-rotta 169 li kienet topera fis-Swatar ser terġa tibda topera. *Laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi – Rottot ta' l-Arriva*

8.11 Is-Sur Magro tkellem fuq Triq Indri Grima u talab biex ikun jaf jekk l-art adjaċenti hux propjeta' privat jew inkella tal-Gvern. Hu qal li kieku tinfetaħ dik it-Triq is-Swatar ikollha ħruġ oħra u din issolvi ħafna problemi ta' traffiku u dewmien fiż-żona. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiċċekja mad-Dipartiment ta' l-artijiet biex tara jekk l-art hix tal-Gvern jew le. *Triq Indri Grima*

8.12 Is-Sur Magro semma li jista jinħoloq passaġġ minn taraġ li hemm fiż-żona. Dan it-taraġ kien issemma miċ-*Chairperson* fil-laqgħat tal-Kunsill ta' l-Imsida. Iċ-*Chairperson* qalet li s-Sindku ta' Birkirkara kellha tibdieħ bil-ħaddiema tagħha iżda li għadu ma sar xejn. *Taraġ*

8.13 Is-Sur Magro ilmenta fuq in-nuqqas ta' spiżerija fis-Swatar pero' ġie informat li hemm xi kawża pendenti l-Qorti fuq din il-materja. *Spiżerija*

## 9. Diskors taċ-*Chairperson*

9.1 Iċ-*Chairperson* uriet id-diżappunt tagħha li l-KAS dejjem jiġu konfrontati bi skużi ta' nuqqas ta' fondi meta jiġu biex iwettqu xi proġett. Qalet li din is-sitwazzjoni ma tistax tkompli hekk u qalet li l-Kunsilli ta' L-Imsida u ta' Birkirkara għandhom allokazzjoni

speċifika għas-Swatar.

## 10 Għeluq u Aġġornament

10.1 Il-laqgħa spiċċat fis-8:10pm. Il-Kumitat unanimament qabel li l-laqgħa għandha tiġi aġġornata għal nhar it-Tlieta, 19 ta' Novembru 2013, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Imsida.

Mary Rose Mifsud
*Chairperson*

Marita Portelli
Segretarju Eżekuttiv

Data